*Stejjer mill-Parroċċa*

# L-ewwel Knisja Agostinjana fil-Belt

**Denis A. Darmanin**



Ta' kull sena, nipprova nqalleb il-paġni tal-istorja tal-Parroċċa tagħna. Bħala lokalita ġol-Belt, fil-Parroċċa għad hemm ħafna binjiet storiċi jew ta' valur arkitettoniku kbir. Uħud m' għadhomx magħna għax ġew imġarrfa maż-żmien biex flokom inbnew binjiet oħra, jew kienu sfaw vittma tal-ħbit mill-ajru tul l-aħħar gwerra dinjija. Binja majestuża li m' għadiex magħna u tikkonċernana ħafna hi bla dubju l-ewwel knisja Agostinjana li kellna hawn ġol-Belt.

Wara tmiem l-Assedju l-Kbir tal-1565, l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann reġgħet qajmet il-proposta ta' belt ġdida u b'saħħitha biex tilqa' t-theddida t'invażjoni Ottomana oħra u tat bidu għall-bini ta' belt li ġiet imsemmija għall-Gran Mastru Jean de Valette: Valletta. Għal dan ix-xogħol, l-Ordni ġabet f'Malta lil-enġinier famuż Francesco Laparelli[1] li malajr ħejja l-pjanti, tqegħdet l-ewwel ġebla fl-1566 u beda x-xogħol tal-bini tas-swar. Sfortunatament, de Valette miet sena wara u sa l-1571, kien inbena biżżejjed mil-Belt biex il-Kavallieri jitilqu mill-Birgu u jiġu jieħdu posthom hawn, taħt it-tmexxija tal-Gran Mastru l-ġdid Fra Pietro del Monte.

Laparelli telaq minn Malta fl-1570, pero' ħalla x-xogħol għaddej f'idejn l-assistent tiegħu u kapumastru Gerolamo Cassar, li kien studja f'Ruma u li kien ta sehmu għad-difiża tal-Birgu fl-assedju. Cassar hu wkoll attribwit għax-xogħol fuq is-Sagra Infermeria, il-Kattidral ta' San Ġwann, il-Palazz tal-Gran Mastru, u l-bereġ tal-kavallieri.

Ta' min jgħid li waqt li kienet qegħdha tinbena l-Belt, l-Ordni tat biċċiet ta' art lil erba' ordnijiet reliġjużi, fosthom lill-Agostinjani. Din l-art kienet magħrufa bħala plott numru 43[2], bejn Strada San Sebastiano u Strada San Giovanni. Il-kuntratt bejn l-Ordni u l-patrijiet sar quddiem in-nutar Placido Abel fl-10 ta' Mejju 1571[3]. Għall-kavallieri dehru Fra Raimondo Fortuin u Fra Giorgio Laterano, Kummissarji għall-Belt Valletta, u anka l-perit Gerolamo Cassar[4]. Għall-Agostinjani ffirma l-Majjistru Marku Gadolfo, Pirjol tal-kunvent tar-Rabat. Ix-xiedha kienu Manfredu de Melioranus, Alessandro Scotto u Mastru Anġlu Gandolfo.

Il-bini tal-knisja beda fl-1571 stess u ġiet iddedikata lil Sidtna Marija tas-Sokkors. Milli jidher, mhux illum biss ried ikollok ċerti permessi biex tibni għax il-Majjistru Gandolfo m' applikax biex jibda' x-xogħol u spiċċa l-ħabs u floku mexxa l-bini l-Pirjol Aurelio Haxiaq (Axiaq) tar-Rabat. Il-Knisja tlestiet fl-1596, u għalkemm m'għandix tagħrif jekk il-pjanti oriġinali għadhomx jeżistu, sirt naf b'biċċtejn pjanti żgħar li jinsabu f'kollezzjonijiet privati. Skont il-kitbiet ta' Patri Ġulju Bonnici u Patri Mark Cauchi, il-knisja kellha nava b'numru ta' kappelli żgħar kull naħa. Interessanti hu li materjal ieħor f'kollezzjoni privata jagħti dettalji u skizzi tal-istemmi li kien hemm fuq kull kappella. Uħud mill-kappelli kienu ddedikati lill-Madonna tas-Sokkors, Santu Wistin, l-Annunzjata, il-Madonna t'Itria, il-Madonna tal-Bon Kunsill, San Nikola minn Tolentino u San Liborju[5]. Kappella oħra kienet iddedikata lil Santa Marija Maddalena li wara l-1703 inbidlet għal San Tumas minn Villanova. Fost il-pittura kien hemm xogħol ta' Mattia Preti u Pompeo Fiori. Billi l-knisja kienet tintuża ħafna mil-kavallieri mill-Boemja, il-kappella tal-Madonna t'Itria inbidlilha d-dedikazzjoni fl-1723 u saret għal San Ġwann Nepomuċenu, li kien il-padrun tagħhom.

**Fejn kienet il-Knisja**

L-ewwel knisja Agostinjana fil-Belt kienet fuq l-art imdawra minn Strada del Monte (Triq San Ġwann), Strada San Giovanni

[1] "The Fortifications of Malta by the Order of St. John, 1530-1798", Alison Hoppen, Scotland, 1979.
[2] "L-Istorja tal-Knisja ta` Santu Wistin il-Belt, Valletta", P. Mark Cauchi O.S.A., p16 (il-quddiem 'Cauchi') u Bonnici, P. Gulju O.S.A., "Ġrajjeit Agostinjani f'Malta", Publikazzjoni Provinċja Agostinjana, Malta, 1990, p60 (il-quddiem 'Bonnici').
[3] Bonnici, p60.
[4] Liber Bullarum, Vol. 439, fol. 270. National Library of Malta.
[5] Cauchi, p27.

(Triq l-Ifran), Strada Pia (Triq Melita) u Strada San Sebastiano (Triq iz-Zekka). Kienet kbira dsatax il-qasba u erba' palmi (canne 19 palmi 4) matul Strada San Giovanni u kopriet 487 qasab kwadri[6]. Skont bosta mapep tal-Belt tal-epoka fosthom ta' Philippe Thomassin, Daniel Specklin, Matthäus Greuter u Francesco dell'Antella, il-knisja kienet fil-kantuniera ta' Strada San Sebastiano (Triq iz-Zekka) u dik li llum hi Triq San Mark, li dak iż-żmien ma kellhiex isem. Il-faċċata u l-bieb ewlieni kienu fi Strada San Sebastiano. Waħda minn dawn il-mapep li anka għandha noti fuqha minn id Giovanni Battista Vertova (1592-1647), tinsab fil-kastell Coasta di Mezzate u kienet użata mill-Prof Denis de Lucca[7] bil-permess tal-Kontessa M.E. Camozzi Vertova Palma ta' Bergamo fl-Italja. Il-Prof. Roger de Giorgio ukol jagħmel referenza għall-knisja u fejn tinsab f'wieħed mil-kotba tiegħu[8].



*Il-pjanta ta' Vertova b-noti minn idu mal-ġemb wieħed u tal-knisja mkabbra n-naħa l-oħra. (Denis de Lucca).*

Kif jidher sew mill-pjanti, il-knisja kellha erba' kappelli fuq kull naħa u żewġ kappelluni oħra wieħed kull naħa tal-artal maġġur. Jidher ukol li l-knisja seta' kellha faċċata still Manerist, tant komuni f'dik l-epoka, żewġ niċeċ mal-faċċata u anka tieqa kbira tonda fin-nofs fuq il-bieb ewlieni.



*Ritratt tas-Sala Santu Wistin meħud fis-snin sittin u fdalijiet ta' skultura fil-bitħa.*



*Il-knisja fil-pjanta ta Prof de Giorgio u dik tal-knisja mkabbra mal-ġemb.*

Biex inkun semmejt waħda, il-knisja kellha faċċata simili bħal dik ta' Santa Maria del Santo Spirito ġo Firenze. Eżatt fid-9pm tal-11 ta' Jannar 1693, żbruffat il-muntanja Etna fi Sqallija u nħass terremot qawwi f'Malta li għamel ħsarat kbar. Il-knisja Agostinjana tal-Belt sofriet ukoll, tant li saret perikoluża sforz il-ħsarat li kellha. Il-patrijiet iddeċidew li għandha titwaqqa' u tinbena oħra akbar. Fl-10 ta' Diċembru 1727, beda jinħatt parti mill-kampnar.



*Kif setgħet kienet il knisja l-qadima meħuda mil-mappa tal-Belt ta' Matteo Perez d'Aleccio[9], 1582.*



*Fdalijiet ta' kollunar u arkati parti mil-kunvent tas-17 il-seklu*

**Fdalijiet tal-Knisja**

Wieħed jaħseb li meta twaqqat il-knisja u ġie ristrutturat il-kunvent, kien sa jinqered kollox u ma jifdal xejn. Oppost ta' dan, fejn kien għadu sod u jista' jintuża nżamm, pero' mhux bħala parti mill-knisja u l-kunvent il-ġodda. Dik li aħna nafu bħala s-Sala Santu Wistin m'hi xejn ħlief il-parti ta' fuq tal-apside u

*għal paġna 21*

[6] Bonnici, p62.

[7] "Giovanni Battista Vertova. Diplomacy, Warfare and Military Engineer", de Lucca, Denis, Midsea Books Ltd., 2001, p53. L'istess mappa tidher f-"A Description of Baroque Malta, by Albert Jouvin de Rocherfort", ta' Denis de Lucca (Heritage Books, 2004), b'itinerarju miżjub mil-awtur, u "29: Convent des Augustines" (Augustinian Monastery), pp14-15.

[8] "A City by an Order", de Giorgio, Roger, (l-awtur), 1998, 'Fig. 30: Anonymous map of Valletta (1670) denoting the internal layout of some of the buildings'.

[9] "Valletta, Citta Nuova, A Map History (1566-1600)", Dr Albert Ganado PEG, Malta, 2003. 'LA NUOVA CITÆ FORTEZZA DI MALTA CHIAMATA VALLETTA', Matteo Perez d'Aleccio, Rome 1582, pjanċa 169 (Mappa 72), p541.

minn paġna 16

s-saqaf tal-knisja l-qadima, eżattament l-iskutella, fejn anka hemm żewġ fetħiet kull naħa li darba kienu twieqi. L-għoli tal-apside nqasam f'mod li taħt l-art tas-sala hemm livell ieħor li fih tista' tara l-forma parti rotonda tal-apside u anka bosta fdalijiet ta' skultura u karatteristiċi oħra. Parti oħra tinsab f'waħda mid-djar li hemm fi Triq San Marku. Biex wieħed ikun jaf eżatt il-kobor u anka l-fond tal-knisja l-qadima, iħares lejn ir-Refettorju u l-kċina tal-kunvent u magħhom iżid id-distanza sal-faċċata ta' ġewwa tas-Sala Santu Wistin fejn hemm il-kwadru ovali tiegħu.

Fdalijiet tal-kunvent l-antik fadal ukoll. Xi snin ilu waqt twaqqiegħ ta' ħnejjiet imbarrati fi żmien il-gwerra kienu nkixfu pilastri u arkati bi stil arkitettoniku bħal dak li ġabu magħhom il-kavallieri minn Rodi u li jippreċedi l-istil barokk. Kienu bosta dawk l-esperti li qablu miegħi li dan kien xogħol ta' Glormu Cassar u li hu parti minn xi kjostru antik u li tħalla fil-post meta ġiet irrifurmata din il-parti tal-kunvent.

*Dan l-artiklu ġie estratt u ttraduċut mid-dissertazzjoni ntitolata "**A study of Saint Augustine's Church and Convent in Valletta**" li l-awtur kiteb fl-2008, bħala parti mil-istudji tiegħu għad-Diploma fl-Akittetura Barokka, fl-Univertisa' ta' Malta. Ritratti, l-awtur.*